FGURA

Minuti ta' t-tmienja u ħamsin laqgħa tal-ħames Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum 25 ta' Marzu 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-19.05hrs.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku: | Chev. D. Marmara` CLJ |
| Kunsillieri: | Is-Sur P. Dalli<br>Is-Sinjura R. Cutajar<br>Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sur C Agius<br>Is-Sur A Debono |
| Segretarju**:** | Is-Sur A. Grima |

Is-Sur C Bonello u s-Sur M Lombardo kienu nfurmaw li ma' setgħux jattendu.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

**1.0 <u>Mistoqsija</u>**

1.1 Is-Sindku nforma li din il-materja kienet qed tkun rimandata f'laqgħa oħra meta jkun preżenti l-Kunsillier C Bonello li kien bagħat il-mistoqsija.

**2.0 <u>Ħruġ permessi festi ta' l-Għid</u>**

2.1 Is-Sindku għamel referenza għal talba li kellu l-Kunsill sabiex jintramaw posti fi żmien il-festi ta' l-Għid. Saret diskussjoni. Kien hemm qbil li dawn jingħataw il-permess jarmaw quddiem il-Knisja.

2.2 Saret diskussjoni għal talbiet li kien irċieva l-Kunsill mingħand il-Parroċċa Madonna tal-Karmnu u l-Għaqda Marija Addolorata sabiex ikunu magħluqa triq il-Liedna – bejn triq San Tumas u triq il-Karmelitani – kif ukoll l-istess triq il-Karmelitani. Ma kienx hemm oġġezzjoni li jingħataw dawn il-permessi sakemm ikun hemm l-awtoriżżazzjoni meħtieġa mill-awtoritajiet konċernati.

F'dan l-istadju is-Sindku talab il-permess tal-Kamra sabiex tkun sospiża l-laqgħa u l-Kunsill ikun jista' jiltaqa mas-sinjorina A'Marie Curmi. Ma kienx hemm oġġezzjoni. Il-laqgħa kienet sospiża fis-7.17pm.

Il-Laqgħa tal-Kunsill tkompliet fis-7.38pm.

**3.0 Laqgħa ma’ Ms A’Marie Curmi – Performance Appraisal**

3.1 Saret diskussjoni dwar il-materja riferuta waqt il-laqgħa ma’ Ms A’Marie Curmi.

3.2 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-ġimgħa d-dieħla kien ser ikun qed jagħmel test mediku sabiex ikun jista’ jiġi mpjegat b’mod temporanju ma’ waħda mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mill-ewwel ta’ Mejju għal perjodu ta’ sitt xhur. Saret diskussjoni.

**4.0 Aġġornament**

4.1 Il-laqgħa ntemmet fl-19.45hrs u kienet aġġornata għat-tielet Ħamis fix-xahar t’April 2009 fis-19.00hrs.

____________________ ____________________

Sindku Segretarju